MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 252/2012

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Lulju 2000;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi huma ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta' Gunju 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------